REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1433/2007

tal-5 ta' Diċembru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jipprovdi li l-alkoħol li jittieħed mill-aġenzija ta' intervent jinbiegħ jew b'irkant pubbliku jew bi proċedura ta' offerti.

(2) Il-proċeduri ta' offerti għall-alkoħol huma l-uniku bejgħ ex-intervent fis-settur agrikolu li fil-rigward tagħhom il-Kummissjoni tmexxi d-deċiżjoni u l-ftuħ ta' kull bejgħa tal-prodott imsemmi. Għal finijiet ta' simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u fid-dawl ta' l-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tas-swieq agrikoli fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni komuni tas-Suq Uniku, jeħtieġ li tiġi introdotta, għall-bejgħ ta' alkoħol ukoll, sejħa permanenti għall-offerti miftuħa mill-Kummissjoni u sejħiet parzjali għall-offerti miftuħa mill-Istati Membri.

(3) Bil-għan li jiġi ggarantit li t-tagħrif dwar is-sejħiet parzjali għall-offerti fl-Istati Membri jkunu aċċessibbli minn kull impriża approvata fil-Komunità, jeħtieġ li dan it-tagħrif jiġi ppubblikat elettronikament.

(4) Bil-għan li jiġi evitat li l-alkoħol maħżun kollu jinbiegħ f'daqqa jew għall-vantaġġ ta' impriża waħda biss, jeħtieġ li l-kwantità massima li tista' tinbiegħ waqt kull sejħa parzjali għall-offerti tiġi llimitata.

(5) Bil-ħsieb li jiġi żgurat bejgħ regoli u ottimu ta' l-alkoħol, fil-qies tal-perjodu ta' konsum baxx tas-Sajf u tal-Milied, jeħtieġ li tiġi ffissata data ta' skadenza għas-sejħiet parzjali għall-offerti darba fix-xahar, għajr f'Lulju u f'Diċembru.

(6) Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-istadji u l-karatteristiċi tas-sejħiet parzjali għall-offerti.

(7) L-esperjenza ta' dan l-aħħar uriet li l-pjanijiet ta' l-impjanti fejn l-alkoħol jiġi pproċessat f'alkoħol assolut mhumiex dokumenti indispensabbli għall-approvazzjoni ta' l-impriżi li jistgħu jipparteċipaw għall-bejgħ ta' alkoħol bil-ħsieb li jintuża f'forma ta' bijoetanol fil-Komunità. Għaldaqstant, jeħtieġ li dan ir-rekwiżit jiġi rtirat mill-lista tad-dokumenti meħtieġa għall-approvazzjoni.

(8) Bil-għan li jitħarsu l-interessi ta' l-impriżi offerenti matul il-perjodu tas-sejħa għall-offerti parzjali, jeħtieġ li jiġu pprovduti dispożizzjonijiet biex jiġu limitati l-movimenti fiżiċi ta' l-alkoħol imqiegħed għall-bejgħ bejn il-pubblikazzjoni ta' l-avviż tas-sejħa parzjali għall-offerti u t-tneħħija tiegħu mill-impriża li tkun intgħażlet.

(9) Jeħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 [2] jiġi emendat skond dan.

(10) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Titolu III, il-Kapitolu IV huwa emendat kif ġej:

(a) fis-sottotaqsima III, l-Artikoli 92 sa 94 d għandhom jinbidlu bit-test li ġej:

"*Artikolu 92*

Sejħa permanenti għall-offerti

1. Għandha tinfetaħ sejħa permanenti għall-offerti ta' l-alkoħol bil-għan li jintuża esklussivament, f'forma ta' bijoetanol, fis-settur tal-karburanti fil-Komunità.

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

[2] ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 923/2007 (ĠU L 201, 2.8.2007, p. 9).

2. Għal dan il-għan, avviż li jgħarraf bil-ftuħ tas-sejħa permanenti għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 92 a

Sejħiet parzjali għall-offerti

1. L-aġenzija ta' intervent għandha tiftaħ, matul il-perjodu ta' validità tas-sejħa permanenti għall-offerti, sejħiet parzjali għall-offerti. Għal dan il-għan, l-aġenzija ta' intervent għandha tippubblika avviż tas-sejħa għall-offerti u tiggarantixxi pubbliċità xierqa, partikolarment billi jintwera pubblikament fis-sede tagħha u billi jixxandar fuq is-sit ta' l-internet tagħha jew fuq dak tal-ministeru kompetenti.

2. L-avviż tas-sejħa għandu b'mod partikolari jindika l-iskadenza u l-post fejn għandhom jitressqu l-offerti. Kull sejħa parzjali tirrigwarda kwantità massima ta' 100 000 ettolitru.

3. It-terminu ta' żmien għat-tressiq ta' l-offerti ta' kull waħda mis-sejħiet parzjali jiskadi fis-13:00 (ħin ta' Brussell) ta' l-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kull xahar. L-ebda offerta ma għandha titressaq f'Lulju u f'Diċembru.

4. L-ewwel sejħa parzjali għandha ssir fix-xahar wara dak tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż tas-sejħa permanenti għall-offerti.

5. Kull Stat Membru li l-ħażniet ta' alkoħol ta' l-inbid Komunitarju tiegħu jilħqu jew jaqbżu 100 000 ettolitru għandu jiftaħ sejħa parzjali skond dan l-Artikolu.

Artikolu 93

Avviż tas-sejħa parzjali għall-offerti

Għall-kwantitajiet ta' alkoħol tagħha, barra mit-tagħrif provdut fl-Artikolu 92a(2), l-aġenzija ta' intervent għandha tindika:

(a) il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sejħa għall-offerti kif ukoll il-post ta' l-imħażen fejn l-alkoħol maħsub għall-bejgħ jinħażen;

(b) il-kwantità ta' alkoħol, espressa f'ettolitri ta' alkoħol b'100 % vol., kopert mis-sejħa parzjali għall-offerti;

(ċ) il-lottijiet;

(d) il-kundizzjonijiet tal-ħlas;

(e) il-formalitajiet għat-teħid ta' kampjuni;

(f) l-ammont tal-garanzija għas-sejħa għall-offerti meħtieġ skond l-Artikolu 94(1), l-ewwel subparagrafu, u l-garanzija għal eżekuzzjoni korretta meħtieġa skond l-Artikolu 94 ċ(3).

Artikolu 93 a

Approvazzjoni ta' l-impriżi

1. L-alkoħol għandu jingħata lill-impriżi stabbiliti fil-Komunità u għandu jintuża skond il-finijiet previsti fl-Artikolu 92.

2. Għall-finijiet ta' l-għoti previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japprovaw l-impriżi li jidhrilhom eliġibbli u li ressqu applikazzjoni bid-dokumenti li ġejjin:

(a) stqarrija mill-impriża fejn tistqarr illi tista' tuża talanqas 50 000 ettolitru alkoħol fis-sena;

(b) il-post tas-sede amministrattiva ta' l-impriżi;

(ċ) l-isem u l-indirizz ta' l-impjanti fejn l-alkoħol jiġi pproċessat f'alkoħol assolut bl-indikazzjoni tal-kapaċità annwali ta' l-ipproċessar;

(d) kopja tal-permess mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat għat-tħaddim ta' l-impjanti;

(e) l-impenn ta' l-impriża li tiżgura li kull xerrej finali ta' l-alkoħol juża dan għall-produzzoni ta' karburant fil-Komunità biss, f'forma ta' bijoetanol.

3. L-approvazzjoni ta' Stat Membru hija valida għall-Komunità kollha.

4. L-impriżi approvati fid-data tad-9 ta' Diċembru 2007 jitqiesu bħala approvati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu l-Kummissjoni minnufih b'kull approvazzjoni ġdida jew irtirar ta' l-approvazzjoni billi jindikaw id-data eżatta tad-deċiżjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista aġġornata ta' l-impriżi approvati aċċessibbli lill-Istati Membri minħajr dewmien wara kull modifika.

Artikolu 93 b

Kundizzjoni ta' l-alkoħol

L-aġenzija ta' intervent għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-alkoħol tat-tankijiet ikkonċernati mill-bejgħ ma jibqax suġġett għal moviment fiżiku sakemm ma tinħareġ ordni ta' tneħħija għalih, għajr f'każ ta' sostituzzjoni deċiża mill-aġenzija ta' intervent minħabba raġunijiet loġistiċi, li l-kundizzjonijiet tagħha għandhom ikunu definiti biċ-ċar fl-avviż tas-sejħa parzjali.

Artikolu 93 ċ

Tressiq ta' l-offerti

1. L-impriżi approvati fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż tas-sejħa parzjali u kkonċernati għandhom jipparteċipaw fis-sejħa parzjali billi jressqu offerta bil-miktub lill-aġenzija ta' intervent li żżomm l-alkoħol u jingħatalhom irċevuta, jew b'kull mezz ta' telekomunikazzjoni ieħor bil-miktub lill-aġenzija ta' intervent u tingħatalhom irċevuta.

2. Kull offerent jista' jressaq offerta waħda biss għal kull lott. Jekk offerent iressaq aktar minn offerta waħda għal kull lott, l-ebda waħda minn dawn l-offerti ma tkun ammessa.

Artikolu 94

Kundizzjoni ta' l-offerti

1. Biex tintlaqa', l-offerta għandha titressaq lill-aġenzija ta' intervent li għandha l-alkoħol ikkonċernat flimkien mal-prova ta' preżentazzjoni tal-garanzija għas-sejħa ta' EUR 4 għal kull ettolitru ta' alkoħol b'100 % vol.

Għal dan il-għan, l-aġenziji ta' intervent ikkonċernati għandhom joħorġu minnufih attestat ta' preżentazzjoni tal-garanzija lill-offerenti għall-kwantitajiet li għalihom hija responsabbli kull aġenzija kkonċernata.

2. Iż-żamma ta' l-offerta wara li jagħlaq iż-żmien għat-tressiq ta' l-offerti, il-garanzija għax-xogħol u l-ħlas tal-prezz jikkostitwixxu rekwiżiti ewlenin skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Artikolu 94 a

Komunikazzjonijiet dwar l-offerti

1. L-aġenziji ta' intervent għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-jum wara d-data ta' skadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 92a(3), il-lottijiet u l-prezzijiet proposti mill-offerenti kif ukoll il-kwantità ta' alkoħol ta' kull lott. L-aġenziji ta' intervent għandhom jindikaw ukoll jekk l-offerta ġietx irrifjutat u, jekk ikun il-każ, il-motivazzjoni għal dan ir-rifjut.

2. L-aġenziji ta' l-intevent għandhom jibagħtu dawn l-indikazzjonijiet lis-servizzi tal-Kummissjoni f'forma ta' lista anonima.

3. F'każ li ebda offerta ma tkun tressqet, l-aġenziji ta' intervent għandhom jgħarrfu l-Kummissjoni fl-istess perjodu ta' żmien.

Artikolu 94 b

L-għoti tal-kuntratti

1. Abbażi ta' l-offerti mressqa, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, jekk għandhiex tbigħ permezz ta' sejħa għall-offerti.

2. Jekk jingħata kuntratt, il-Kummissjoni għandha taċċetta l-offerta l-aktar vantaġġuża skond il-lott, u tiffissa l-prezz tal-bejgħ ta' kull lott. Jekk għal lott wieħed, bosta offerti tressqu b'dan il-prezz, l-aġenzija ta' intervent għandha tagħti l-kwantità kkonċernata billi tqassam l-kwantità msemmija bil-polza bejn dawn l-offerenti bi qbil magħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika d-deċiżjonijiet meħuda skond dan l-Artikolu lill-Istati Membri u lill-aġenziji ta' intervent li għandhom l-alkoħol li għalihom tressqu l-offerti.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'forma simplifikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* r-riżultati tas-sejħa għall-offerti.

Artikolu 94 ċ

Stqarrija ta' l-għoti

1. L-aġenzija ta' intervent għandha tinnotifika lill-offerenti bil-miktub, mingħajr dewmien u bi rċevuta, dwar id-deċiżjoni meħuda fir-rigward ta' l-offerti tagħhom.

2. Fil-ġimagħtejn ta' wara id-data li fiha wasslet innotifika msemmija fil-paragrafu 1, l-aġenzija ta' intervent għandha toħroġ, lil kull offerent, stqarrija ta' l-għoti li tiċċertifika li l-offerta tagħhom ġiet aċċettata.

3. Fil-ġimagħtejn ta' wara id-data li fiha wasslet innotifika msemmija fil-paragrafu 1, kull offerent li ntgħażel għandu jippreżenta l-prova ta' garanzija għal eżekuzzjoni korretta ta' EUR 40 għal kull ettolitru ta' alkoħol b'100 % vol. lill-aġenzija ta' intervent ikkonċernata, bil-għan li jiggarantixxi l-użu tat-totalità ta' l-alkoħol mogħti skond il-finijiet previsti fl-Artikolu 92.

Artikolu 94 ċ a

Notifika lill-Kummissjoni

L-aġenżija ta' intervent għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, fil-ħamest ijiem tax-xogħol wara li tasal id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 94b(3), l-isem u l-indirizz ta' l-offerent korrispondenti għal kull offerta mressqa.

Artikolu 94 d

Tneħħija ta' l-alkoħol

1. L-aġenzija ta' intervent li għandha l-alkoħol u l-offerent li ntgħażel għandhom jistabbilixxu bi qbil komuni kalendarju provviżorju għat-tneħħija ta' l-alkoħol.

2. L-alkoħol jista' jitneħħa permezz tal-preżentazzjoni ta' ordni għat-tneħħija maħruġa mill-aġenzija ta' intervent malli l-ammont dovut għall-kwantità li għandha titneħħa jiġi mħallas. Dik il-kwantità għandha tiġi stabbilita sa l-eqreb ettolitru ta' alkoħol b'100 % vol.

Kull ordni għat-tneħħija għandha tkopri ammont ta' mill-inqas 1 500 ettolitru, minbarra fil-każ ta' l-aħħar tneħħija f'kull Stat Membru.

L-ordni għat-tneħħija għandha tindika d-data sa meta l-alkoħol għandu jitneħħa fiżikament mill-maħżen ta' l-aġenzija ta' intervent involuta. Il-limitu ta' żmien għat-tneħħija ma jistax ikun aktar minn tmint ijiem mill-jum wara d-data tal-ħruġ ta' l-ordni tat-tneħħija. Madankollu, fejn l-ordni tat-tneħħija tkopri aktar minn 25 000 ettolitru, il-limitu ta' żmien jista' jkun ta' aktar minn tmint ijiem, iżda mhux aktar minn ħmistax-il jum.

3. Il-proprjetà ta' l-alkoħol involut kopert minn ordni għat-tneħħija għandha tiġi ttrasferita fid-data indikata fl-ordni, li ma tistax tkun wara d-data ta' validità ta' l-ordni, u l-kwantitajiet involuti jitqiesu li tneħħew f'dik id-data. Minn hemm 'il quddiem, ix-xerrej huwa responsabbli għal kull serq, telf jew qerda u għall-ispejjeż ta' ħżin ta' kull alkoħol li ma jkunx għadu tneħħa.

4. L-alkoħol kollu għandu jitneħħa fiżikament fi żmien sitt xhur wara d-data ta' l-irċevuta tan-notifika ta' l-għoti msemmija fl-Artikolu 94ċ(1).

5. L-alkoħol għandu jintuża kompletament fi żmien sentejn mid-data ta' l-ewwel tneħħija.

Artikolu 94e

Rilaxx tal-garanzija

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 94(1) għandha tiġi rilaxxata mingħajr dewmien għall-offerti li ma ġewx aċċettati."

(b) fis-sottotaqsima IV, l-Artikoli 95 sa 96 huma sostitwiti mit-test li ġej:

"Artikolu 95

Dispożizzjoni dwar il-bejgħ pubbliku ta' l-alkoħol

1. Bl-iskop li jsiru regolamenti ta' ftuħ tal-bejgħ pubbliku, il-Kummissjoni għandha titlob lil kull Stat Membru involut sabiex javżawha dwar:

(a) il-kwantità ta' alkoħol, espressa f'ettolitri ta' alkoħol b'100 % vol., li jista jitqiegħed għall-bejgħ,

(b) it-tip ta' alkoħol involut,

(ċ) il-kwalità tal-lottijiet ta' alkoħol, li għandha tistabbilixxi l-valuri massimi u minimi għall-karatteristiċi msemmija fl-Artikolu 96(4)(d)(i) u (ii) ta' dan ir-Regolament.

Sa mhux aktar tard minn 12-il jum wara li jirċievu din it-talba, l-Istati Membri involuti jridu javżaw lill-Kummissjoni dwar il-post eżatt u r-referenzi tad-diversi btieti ta' alkoħol li jissodisfaw ir-rkwiżiti ta' kwalità u li għandhom ammont ta' alkoħol ta' mhux anqas minn dak imsemmi f'(a) fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Malli n-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tintbagħat lill-Kummissjoni, l-alkoħol fit-tankijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu mċaqalqa fiżikament qabel ma titħarġilhom ordni għat-tneħħija.

Din il-projbizzjoni ma taffettwax it-tankijiet ta' l-alkoħol mhux koperti mill-avviżi għall-bejgħ pubbliku u mhux speċifikati fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikoli 83 sa 93 ta' dan ir-Regolament.

Partikolarment minħabba raġunijiet loġistiċi, l-aġenziji ta' intervent li jżommu t-tankijiet ta' alkoħol speċifikati fin-notifika mill-Istati Membri, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jistgħu jissostitwixxu l-alkoħol ikkonċernat ma' alkoħol ta' l-istess xorta, jew iħalltuh ma' alkoħol ieħor ikkonsenjat lill-aġenzija ta' intervent, sakemm tinħareġ ordni biex l-alkoħol ikkonċernat jitneħħa. L-aġenziji ta' intervent ta' l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bis-sostituzzjoni ta' l-alkoħol.

Artikolu 96

Regoli li japplikaw għal-lottijiet

1. L-alkoħol għandu jinbiegħ bil-lottijiet.

2. Lott għandu jikkonsisti fi kwantità ta' alkoħol ta' kwalità omoġenja biżżejjed, li jista' jitqassam f'tankijiet u jinżamm f'bosta postijiet.

3. Kull lot għandu jkun numerat. L-ittri 'KE' għandhom jiġu qabel in-numri tal-lottijiet.

4. Kull lott għandu jkun spjegat. Għandha tingħata ta' mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-post tal-lott, inkluża referenza li tidentifika kull tank bl-alkoħol, u l-ammont ta' alkoħol f'kull tank;

(b) il-kwantità totali espressa f'ettolitri ta' alkoħol b'100 % vol.; din il-kwantità għandha tinftiehem sa madwar l-eqreb 1 % u ma għandhiex taqbeż il-50 000 ettolitru;

(ċ) il-qawwa alkoħolika minima f'kull tank, espressa bħala % vol.;

(d) jekk ikun possibbli, il-kwalità tal-lott, bi speċifikazzjonijiet għal-limitu għoli u baxx għal dawn li ġejjin:

(i) l-aċidità, espressa fi grammi ta' aċidu aċetiku għal kull ettolitru ta' alkoħol b'100 % vol.;

(ii) il-kontenut ta' metanol, espress fi grammi għal kull ettolitru ta' alkoħol b'100 % vol.;

(e) ir-referenza għall-miżura ta' intervent li wasslet għall-produzzjoni ta' l-alkoħol, billi speċifikat l-Artikolu kkonċernat tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999."

(2) Fl-Artikolu 101, il-paragrafu 4 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzjoni għall-paragrafu 1, meta l-alkoħol jinbiegħ għall-użu f'pajjiżi terzi fis-settur tal-karburanti biss, il-verifiki dwar l-użu effettiv tiegħu jsiru sa meta dan l-alkoħol jitħallat ma' alkoħol żnaturat fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

Sabiex l-alkoħol jintuża bħala bijoetanol fil-Komunità, dawn il-verifiki għandhom isiru sa meta impriża approvata msemmija fl-Artikolu 93a tirċievi dan l-alkoħol.

Fil-każijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu, l-alkoħol ikkonċernat għandu jibqa' taħt sorveljanza ta' organu uffiċjali li jiggarantixxi l-użu tiegħu fis-settur tal-karburanti, bl-applikazzjoni ta' reġim fiskali speċjali li jimponi dan l-użu aħħari."

(3) L-Artikolu 102 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"*Artikolu 102*

L-użu ta' ditta tas-sorveljanza

L-avviż tas-sejħa parzjali għall-offerti msemmija fl-Artikolu 92a(1) jista' jistabbilixxi li għandha tintuża ditta internazzjonali indipendenti tas-sorveljanza għall-kontrolli dwar it-twettiq xieraq tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti, b'mod partikolari dwar id-destinazzjoni aħħari u/jew l-użu aħħari ta' l-alkoħol. L-ispiża ta' dan is-servizz għandha titħallas mill-offerent rebbieħ, bħall-ispiża ta' l-analiżi u l-verifika skond l-Artikolu 99 ta' dan ir-Regolament."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni